REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/633

tat-8 ta' Mejju 2020

li jistabbilixxi miżuri temporanji għall-aċċettazzjoni ta' kopji elettroniċi ta' dokumenti uffiċjali oriġinali għall-applikazzjonijiet għall-kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni fil-każ ta' prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u għall-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni fil-każ tar-ross Basmati mfesdaq, minħabba l-pandemija tal-COVID-19

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 178 u 187 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ([2]) jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 972/2006 ([3]) jistabbilixxi regoli speċjali għall-importazzjonijiet ta' ross Basmati mfesdaq li jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 1006 20 17 u 1006 20 98. Dawn l-importazzjonijiet huma soġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni qabel ma l-prodott jiġi rilaxxat għaċ-ċirkolazzjoni libera.

(3) Il-pandemija attwali tal-COVID-19 u r-restrizzjonijiet estensivi fuq il-moviment stabbiliti fl-Istati Membri jirrappreżentaw sfida eċċezzjonali u bla preċedent għall-Istati Membri u għall-operaturi fir-rigward tal-iskambju ta' dokumenti uffiċjali skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

(4) Fil-"Linji Gwida tal-COVID-19 għall-miżuri ta' ġestjoni tal-fruntieri biex tiġi mħarsa s-saħħa u tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' oġġetti u servizzi essenzjali" ([4]), il-Kummissjoni enfasizzat li, fis-sitwazzjoni attwali, jenħtieġ li ma jiġix affettwat il-funzjonament bla xkiel tas-Suq Uniku.

(5) F'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-applikanti għal-liċenzji ta' importazzjoni jew għad-drittijiet ta' importazzjoni għandhom l-obbligu li jippruvaw li kienu involuti fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi għal ċerti kategoriji ta' prodotti agrikoli.

(6) Fejn dan jitqies meħtieġ għall-ġestjoni ta' kwota tariffarja tal-importazzjoni partikolari, ir-Regolamenti tal-Kummissjoni li jirregolaw dik il-kwota jistgħu jipprevedu kundizzjonijiet addizzjonali. Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 ([5]), (KE) Nru 1342/2003 ([6]), (KE) Nru 2305/2003 ([7]), (KE) Nru 969/2006 ([8]), (KE)

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 972/2006 tad-29 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli speċjali għal importazzjonijiet ta' ross Basmati u sistema tranżitorja ta' kontroll biex ikun determinat l-oriġini tagħhom (ĠU L 176, 30.6.2006, p. 53).
([4]) C(2020) 1753 final tas-16 ta' Marzu 2020.
([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 tal-14 ta' Diċembru 2001 li jipprovdi regoli dettaljati biex ikun applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti tal-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u biex jinfetħu kwoti tat-tariffa (ĠU L 341, 22.12.2001, p. 29).
([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1342/2003 tat-28 ta' Lulju 2003 li jistabbilixxi regoli speċjali u dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' ċereali u ross (ĠU L 189, 29.7.2003, p. 12).
([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2305/2003 tad-29 ta' Diċembru 2003 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffali għall-importazzjoni ta' xgħir minn pajjiżi terzi (ĠU L 342, 30.12.2003, p. 7).
([8]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 969/2006 tad-29 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi kwota tariffarja Komunitarja u mod għall-ġestjoni tagħha għall-importazzjoni tal-qamħirrum minn pajjiżi terzi (ĠU L 176, 30.6.2006, p. 44).

Nru 1918/2006 ([9]), (KE) Nru 1964/2006 ([10]), (KE) Nru 1979/2006 ([11]), (KE) Nru 341/2007 ([12]), (KE) Nru 533/2007 ([13]), (KE) Nru 536/2007 ([14]), (KE) Nru 539/2007 ([15]), (KE) Nru 616/2007 ([16]), (KE) Nru 1384/2007 ([17]), (KE) Nru 1385/2007 ([18]), (KE) Nru 382/2008 ([19]), (KE) Nru 412/2008 ([20]), (KE) Nru 431/2008 ([21]), (KE) Nru 748/2008 ([22]), (KE) Nru 1067/2008 ([23]), (KE) Nru 1296/2008 ([24]), (KE) Nru 442/2009 ([25]), (KE) Nru 610/2009 ([26]), (KE) Nru 891/2009 ([27]) u (UE) Nru 1255/2010 ([28]) kif ukoll ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1273/2011 ([29]), (UE) Nru 480/2012 ([30]), (UE)

([9]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1918/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għaż-żejt taż-żebbuġa li joriġina mit-Tuneżija (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 84).

([10]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1964/2006 tat-22 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwota għall-importazzjoni ta' ross li joriġina mill-Bangladesh, b'applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3491/90 (ĠU L 408, 30.12.2006, p. 20).

([11]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1979/2006 tat-22 ta' Diċembru 2006 li jiftaħ u jipprevedi l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għal faqqiegħ ippreservat importat minn pajjiżi terzi (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 91).

([12]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 341/2007 tad-29 ta' Marzu 2007 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji u li jintroduċi sistema għal liċenzji tal-importazzjoni u ċertifikati ta' oriġini għat-tewm u għal ċerti prodotti agrikoli oħra importati minn pajjiżi terzi (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 12).

([13]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 533/2007 tal-14 ta' Mejju 2007 li jiftaħ u jamministra kwoti tariffarji fis-settur tal-laħam tat-tjur (ĠU L 125, 15.5.2007, p. 9).

([14]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 536/2007 tal-15 ta' Mejju 2007 li jiftaħ u jamministra kwota tariffarja għal-laħam tat-tjur allokata għall-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU L 128, 16.5.2007, p. 6).

([15]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 539/2007 tal-15 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fis-settur tal-bajd u tal-albumina tal-bajd (ĠU L 128, 16.5.2007, p. 19).

([16]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2007 tal-4 ta' Ġunju 2007 dwar il-ftuħ u l-mod ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Brażil, it-Tajlandja u pajjiżi terzi oħra (ĠU L 142, 5.6.2007, p. 3).

([17]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1384/2007 tas-26 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2398/96 rigward il-ftuħ u l-ġestjoni ta' ċerti kwoti li jirrigwardaw l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur li joriġinaw fl-Iżrael (ĠU L 309, 27.11.2007, p. 40).

([18]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1385/2007 tas-26 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 f'dak li jirrigwarda l-ftuħ u l-ġestjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tat-tjur (ĠU L 309, 27.11.2007, p. 47).

([19]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 382/2008 tal- 21 ta' April 2008 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni għal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella (ĠU L 115, 29.4.2008, p. 10).

([20]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 412/2008 tat-8 ta' Mejju 2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għall-importazzjoni taċ-ċanga ffriżata għall-ipproċessar (ĠU L 125, 9.5.2008, p. 7).

([21]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 431/2008 tad-19 ta' Mejju 2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja tal-importazzjoni ta' laħam iffriżat tal-annimali bovini koperti mill-kodiċi NM 0202 u prodotti koperti mill-kodiċi NM 02062991 (ĠU L 130, 20.5.2008, p. 3).

([22]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 748/2008 tat-30 ta' Lulju 2008 dwar il-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwota ta' tariffa tal-importazzjoni għal falda rqiqa ffriżata ta' annimali bovini fi ħdan il-kodiċi tan-NM 02062991 (ĠU L 202, 31.7.2008, p. 28).

([23]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1067/2008 tat-30 ta' Ottubru 2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji Komunitarji għal qamħ komuni ta' kwalità differenti minn dik superjuri oriġinanti minn pajjiżi terzi u li tidderoga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 290, 31.10.2008, p. 3).

([24]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1296/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' qamħirrum u sorgu fi Spanja u importazzjoni ta' qamħirrum fil-Portugall (ĠU L 340, 19.12.2008, p. 57).

([25]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 442/2009 tas-27 ta' Mejju 2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tal-majjal (ĠU L 129, 28.5.2009, p. 13).

([26]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 610/2009 tal-10 ta' Lulju 2009 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-kwota tariffarja fuq iċ-ċanga u l-vitella li joriġinaw fiċ-Ċili (ĠU L 180, 11.7.2009, p. 5).

([27]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur taz-zokkor (ĠU L 254, 26.9.2009, p. 82).

([28]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1255/2010 tat-22 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni għall-prodotti "baby beef" li joriġinaw fil-Bożnija-Ħerzegovina, fil-Kroazja, f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fil-Montenegro u l-Kosovo (ĠU L 342, 28.12.2010, p. 1).

([29]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1273/2011 tas-7 ta' Diċembru 2011 li jiftaħ u li jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur (ĠU L 325, 8.12.2011, p. 6).

([30]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2012 tas-7 ta' Ġunju 2012 li jiftaħ u jipprovdi għat-tmexxija ta' kwota ta' tariffa għal ross miksur (broken rice) ta' kodiċi NM 10064000 għal produzzjoni ta' ħejjijiet tal-ikel ta' kodiċi NM 19011000 (ĠU L 148, 8.6.2012, p. 1).

Nru 1223/2012 ([31]), (UE) Nru 82/2013 ([32]), (UE) Nru 593/2013 ([33]), (UE) 2015/2076 ([34]), (UE) 2015/2077 ([35]), (UE) 2015/2078 ([36]), (UE) 2015/2079 ([37]), (UE) 2015/2081 ([38]) u (UE) 2017/1585 ([39]) jipprevedu tali kundizzjonijiet addizzjonali, bħall-obbligu għall-applikant li jipprovdi d-dokumenti li jirreferu għall-"kwantità ta' referenza" tal-operatur, l-oriġini u l-kwalità tal-prodott.

(7) F'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 972/2006, l-applikanti għal-liċenzji tal-importazzjoni jridu jippruvaw li kienu involuti f'attività kummerċjali fis-settur tar-ross u jipprovdu ċertifikat ta' awtentiċità tal-prodott maħruġ minn korp kompetenti fil-pajjiż esportatur.

(8) Matul il-pandemija attwali tal-COVID-19, ġew stabbiliti r-restrizzjonijiet estensivi fuq il-moviment fl-Istati Membri. Is-servizzi tal-posta u tal-kurrier ukoll qed jesperjenzaw interruzzjonijiet.

(9) Għadd ta' Stati Membri u partijiet ikkonċernati infurmaw lill-Kummissjoni li, bħala konsegwenza ta' dawn ir-restrizzjonijiet u interruzzjonijiet, il-kapaċità tagħhom li jipprovdu u li jirċievu d-dokumenti uffiċjali meħtieġa mir-Regolamenti li jirregolaw il-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u l-importazzjonijiet tar-ross Basmati, qed tintlaqat serjament.

(10) F'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tirregola l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-importazzjoni għall-prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni, u li tirregola l-amministrazzjoni ta' importazzjonijiet tar-ross Basmati, l-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni u għad-drittijiet tal-importazzjoni jridu jkunu akkumpanjati mill-kopji oriġinali ta' dawk id-dokumenti.

(11) Għalhekk, sabiex jiġu evitati l-interruzzjonijiet fis-suq uniku, jenħtieġ li temporanjament tiġi awtorizzata alternattiva għat-tressiq tad-dokumenti oriġinali uffiċjali fuq il-karta. Jenħtieġ li din l-alternattiva tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-operaturi li jippreżentaw id-dokumenti oriġinali meta dan ikun teknikament fattibbli, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

(12) Sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi għall-Istati Membri u l-operaturi fir-rigward tal-applikazzjoni għal liċenzja matul il-pandemija attwali tal-COVID-19, l-obbligu għall-operaturi li jippreżentaw garanzija oġħla meta jressqu kopja elettronika ta' ċertifikat ta' awtentiċità jenħtieġ li jkun temporanjament sospiż.

(13) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun applikabbli sat-31 ta' Lulju 2020 sabiex jiġu ffaċilitati l-proċeduri ta' applikazzjoni għal liċenzja matul il-pandemija attwali tal-COVID-19. Fid-dawl tal-informazzjoni li waslet minn għadd ta' Stati Membri, huwa xieraq li jiġu previsti miżuri temporanji li jenħtieġ li japplikaw immedjatament. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

---

([31]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1223/2012 tat-18 ta' Diċembru 2012 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni ta' kwota ta' tariffa fuq l-importazzjoni ta' annimali bovini ħajjin ta' piż li jeċċedi l-160 kg u li joriġinaw mill-Iżvizzera kif previst fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli (ĠU L 349, 19.12.2012, p. 39).

([32]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 82/2013 tad-29 ta' Jannar 2013 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' kwota tariffarja għall-importazzjoni ta' ċanga mnixxfa bla għadam li ġejja mill-Iżvizzera (ĠU L 28, 30.1.2013, p. 3).

([33]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 593/2013 tal-21 ta' Ġunju 2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għaċ-ċanga friska ta' kwalità għolja, imkessħa u ffriżata, u għal-laħam tal-buflu ffriżat (ĠU L 170, 22.6.2013, p. 32).

([34]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2076 tat-18 ta' Novembru 2015 li jiftaħ u fih previst l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-importazzjoni tal-Unjoni tal-laħam tal-majjal frisk jew iffriżat li joriġina fl-Ukrajna (ĠU L 302, 19.11.2015, p. 51).

([35]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2077 tat-18 ta' Novembru 2015 li jiftaħ u fih previst l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni fuq l-importazzjoni ta' bajd, prodotti tal-bajd u albumina li joriġinaw fl-Ukrajna (ĠU L 302, 19.11.2015, p. 57).

([36]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2078 tat-18 ta' Novembru 2015 li jwassal għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għall-importazzjoni tal-laħam tat-tajr li joriġina mill-Ukrajna (ĠU L 302, 19.11.2015, p. 63).

([37]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2079 tat-18 ta' Novembru 2015 li jwassal għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-importazzjoni tal-Unjoni ta' laħam taċ-ċanga u tal-vitella frisk jew friżat li joriġina fl-Ukrajna (ĠU L 302, 19.11.2015, p. 71).

([38]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2081 tat-18 ta' Novembru 2015 li jwassal għall-ftuħ u għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għall-importazzjoni ta' ċerti ċereali li joriġinaw mill-Ukrajna (ĠU L 302, 19.11.2015, p. 81).

([39]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1585 tad-19 ta' Settembru 2017 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella u tal-majjal frisk u ffriżat li joriġina fil-Kanada u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 442/2009 u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 481/2012 u (UE) Nru 593/2013 (ĠU L 241, 20.9.2017, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri temporanji li jipprevedu l-aċċettazzjoni ta' kopja elettronika tal-oriġinal tad-dokumenti uffiċjali li jintalbu biex jakkumpanjaw l-applikazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' importazzjoni u għad-drittijiet ta' importazzjoni għall-kwoti tariffarji li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 1301/2006;

(b) l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għar-ross Basmati mfesdaq li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 972/2006.

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll miżuri temporanji dwar ir-rekwiżit li titressaq garanzija meta l-operatur ikun ippreżenta kopja elettronika ta' ċertifikat oriġinali ta' awtenticità lill-awtorità kompetenti.

Artikolu 2

1. Id-dokumenti uffiċjali li jridu jakkumpanjaw l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni jew għad-drittijiet ta' importazzjoni jistgħu eċċezzjonalment jiġu sottomessi f'forma ta' kopja elettronika tal-oriġinali ta' tali dokumenti.

Għal dak il-għan, l-operatur għandu jippreżenta dikjarazzjoni lill-awtorità kompetenti li tiddikjara li d-dokument uffiċjali oriġinali ser jiġi ppreżentat hekk kif ikun teknikament fattibbli, u mhux aktar tard minn tliet xhur wara:

(a) id-data ta' għeluq il-perjodu tal-applikazzjoni relevanti għal-liċenzji tal-importazzjoni u għad-drittijiet ta' importazzjoni għall-kwoti tariffarji li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 1301/2006;

(b) id-data tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għar-ross Basmati mfesdaq li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 972/2006.

2. Ladarba l-awtorità li toħroġ il-liċenzji tkun irċeviet l-oriġinal tad-dokument uffiċjali, għandha tivverifika l-konsistenza tiegħu mal-informazzjoni fuq il-kopja elettronika ta' dak id-dokument uffiċjali. Għandu japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 fil-każ ta' kopji li jkun fihom informazzjoni skorretta.

Artikolu 3

B'deroga mill-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 748/2008, l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 610/2009, l-Artikolu 2(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 82/2013 u l-Artikolu 8(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 593/2013, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu joħorġu liċenzji tal-importazzjoni meta kopja elettronika ta' ċertifikat oriġinali tal-awtenticità tkun tressqet, mingħajr il-ħtieġa li l-operatur iressaq ammont ogħla bħala garanzija.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika sal-31 ta' Lulju 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Mejju 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN